# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Tmienja (8) ta' Ottubru 2024**

**Rikors Numru 593/2022FDP**

Fl-ismijiet

**Rita Saliba (K.I: 346765M)**

**Vs**

**HSBC Life Assurance (Malta) Ltd**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 6 ta' Frar 2022 li permezz tiegħu r-rikorrenti talbet s-segwenti:

   *1. Illi l-attriċi hija l-eredi ta' Joseph Saliba li miet fid-19 ta' Jannar 2022. Qed jiġi eżebit ċertifikat tal-mewt bħala Dok A.*

   *2. Illi l-imsemmi Joseph Saliba kien ħareġ polza tat-tip life insurance mas-soċjeta' konvenuta.*

   *3. Illi wara l-mewt tiegħu l-attriċi għamlet claim biex titħallas skont il-polza ta' assikurazzjoni relattiva.*

   *4. Illi s-soċjeta' konvenuta pero' qiegħda tirrifjuta li tħallas dak dovut minnha skont il-polza peress illi d-decuius Joseph Saliba ma kienx iddikjara fil-proposal form li kien għamel operazzjoni tal-bypass.*

   *5. Illi pero dan ma kienx fatt materjali peress illi l-kawża tal-mewt tiegħu ma kenitx relatata mal-bypass li kien għamel u dan kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni ta' din il-kawża.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*i) Tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta hija tenuta tindemmnizża lill-attriċi skont polza ta' assikurazzjoni tat-tip life insurance maħruġa mas-soċjeta' konvenuta.*
*ii) Tillikwida l-ammont li għandu jkun dovut skont il-polza imsemmija.*
*iii) Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas is-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż u l-imgħax u s-soċjeta' konvenuta.*

2. Rat illi fit-2 ta' Settembru 2022 is-soċjeta' konvenuta laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet s-segwenti difiża:

   1. *Illi preliminarjament l-attriċi għandha tipprova li għandha l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex tippromwovi din l-azzjoni.*

   2. *Illi fi kwalsijasi każ, mingħajr preġudizzju għall-premess, jiġi eċċepit fil-mertu it-talbiet tal-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi billi, meta Joseph Saliba applika għall-assigurazzjoni fuq il-ħajja tat-tip loan protector policy mas-soċjetà esponenti naqas milli jsemmi fatti materjali (non-disclosure of material facts) u saħansitra għamel misrepresentation ta' fatti importanti, senjatament l-imsemmi Joseph Saliba wieġeb fin-negattiv għall-mistoqsija "Have you ever been diagnosed or intend to undergo any investigations in relation to Cancer, Stroke, Heart Attack, __**By Pass Surgery**__, Kidney problems, Aids & HIV infection, sexually transmitted diseases & diabetes", minkejja li jirriżulta mir-rapport mediku redatt minn Dr Robert G. Xuereb (Dok. 'B' anness mar-Rikors Ġuramentat) li l-istess Joseph Saliba kien sottopost għal "__**coronary artery by pass grafting**__" ħames snin qabel ma ġiet emessa l-polza tal-assikurazzjoni de quo. Miċ-ċertifikat tal-mewt ta' Joseph Saliba (Dok. 'A' anness mar-Rikors Ġuramentat) jirriżulta li l-kawża tal-mewt kienet "adult respiratory distress syndrome, multi-organ failure, disseminated intravascular coagulation, septic shock, post-endoscopic retrograde cholangiopancreatorgraphy, haemorragic ascending cholangitis, __**ischaemic heart disease**__."*

   3. *Illi fi kwalsijasi każ, mingħajr preġudizzju għall-premess, jiġi eċċepit ulterjorment illi l-kuntratt ta' assikurazzjoni de quo huwa null u bla effett fil-liġi stante li l-informazzjoni u dikjarazzjonijiet magħmula minn Joseph Saliba qabel ma inħarġet il-polza de quo, liema informazzjoni u dikjarazzjonijiet jiffurmaw il-bażi tal-kuntratt ta' assigurazzjoni, ma kinux korretti, kif ukoll għax din l-informazzjoni u dawn id-dikjarazzjonijiet huma fatti materjali li jmisshom ġew kompletament u korretement iddikjarati a bażi tal-prinċipju li kuntratt ta' assikurazzjoni jirrikjedi uberrima fides da parti ta' l-assikurat u għalhekk is-soċjetà esponenti*

*m'għandhiex tiġi tenuta tħallas ebda ammont taħt il-polza tal-assikurazzjoni de quo.*

4. *Illi t-talbiet attriċi huma, fi kwalsijasi każ infondati fil-fatt u fid-dritt.*

   *Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi jiġi eċċepit bir-rispett li t-talbiet attriċi għandhom jiġi miċħuda bl-ispejjeż a karigu tal-attriċi.*

   *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

3. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mill-partijiet fuq l-atti msemmija.

**Provi**

4. Semgħet ix-xhieda ta' **Mr Robert Xuereb**, mogħtija fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2023 (fol 26-30).

5. Rat in-nota tal-attriċi ppreżentata fl-14 ta' Marzu 2023, kontenenti l-affidavit tagħha u rat id-dokumentazzjoni annessa magħha (fol 35-113).

6. Semgħet ix-xhieda ta' **Dr James Pocock**, mogħtija fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2023 u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita (fol 118-135).

7. Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2023 l-attriċi ddikjarat illi m'għandhiex aktar provi xi tressaq.

8. Semgħet ix-xhieda tal-attriċi **Rita Saliba**, mogħtija in kontro eżami fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2023 (fol 137-145 et seq).

9. Semgħet ix-xhieda ta' **Edward Micallef**, mogħtija fis-seduta tal-1 ta' Frar 2024 u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita (fol 149-173).

10. Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Frar 2024, is-soċjeta' konvenuta ddikjarat illi m'għandhiex aktar provi xi tressaq.

11. Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Frar 2024, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali.

12. Rat illi fil-11 ta' Ġunju 2024 l-attriċi ppreżentat in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha (fol 177-181).

13. Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Ġunju 2024 il-kawża marret għas-sentenza.

14. Rat illi fit-3 ta' Settembru 2024 is-soċjeta' konvenuta ppreżentat in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha (fol 182-187).

**Fatti tal-każ**

15. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi l-attriċi flimkien mar-raġel tagħha, il-mejjet Joseph Saliba, kienu għamlu polza ta' assigurazzjoni tat-tip *life insurance* mas-soċjeta' konvenuta.

16. Jirriżulta illi r-raġel tal-attriċi, Joseph Saliba, miet fid-19 ta' Jannar 2022.

17. Jirriżulta wkoll illi l-attriċi għamlet claim mas-soċjeta' konvenuta sabiex titħallas skont il-polza ta' assigurazzjoni imsemmija aktar 'il fuq.

18. Jirriżulta illi s-soċjeta' konvenuta rrifjutat illi tħallas is-somma dovuta minnha skont il-polza peress illi kkontendiet illi l-mejjet Joseph Saliba ma kienx iddikjara fil-*proposal form* li huwa kien għamel l-operazzjoni tal-bypass.

19. Jirriżulta illi l-attriċi qiegħda ssostni illi dan ma kienx fatt materjali peress illi l-kawża tal-mewt ta' Joseph Saliba ma kenitx relatata mal-bypass iżda huwa kien miet minħabba raġunijiet oħra.

20. Jirriżulta illi min-naħa l-oħra s-soċjeta' konvenuta targumenta illi l-kuntratt ta' assigurazzjoni huwa wieħed null u bla effett stante illi d-dikjarazzjonijiet u l-informazzjoni mogħtija minn Joseph Saliba qabel ma nħarġet il-polza kienet waħda inkorretta u tali dikjarazzjonijiet u informazzjoni għandhom jitqiesu bħala fatti materjali li kellhom jiġu kompletati b'mod korrett.

**Ikkunsidrat**

**L-eċċezzjoni preliminari mressqa mis-soċjeta' konvenuta rigward in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-attriċi.**

21. Illi l-ewwel eċċezzjoni mressqa mis-soċjeta' konvenuta kienet dik relatata man-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-attriċi sabiex tippromwovi l-azzjoni odjerna.

22. Il-Qorti, l-ewwel u qabel kollox, tinnota illi s-soċjeta' konvenuta la fir-risposta ġuramentata tagħha u lanqas fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha ma telabora fuq dan il-punt imressaq minnha stante illi ma tagħmel ebda argument sabiex tispjega fuq xiex hija msejsa din l-eċċezzjoni.

23. Madanakollu, l-Qorti tqis illi xorta għandha tistħarreġ din l-eċċezzjoni billi tagħmel referenza għall-ġurisprudenza nostrana dwar l-elementi li jikkostitwixxu l-interess ġuridiku.

24. Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Oliver Grech et vs Charlie Cordina pro et noe***[1], il-Qorti tagħmel referenza għal dak li jgħid il-Mattirolo u tispjega:

> *"Il-Mattirolo ifisser b'mod tassew luċidu x'inhu l-interess ġuridiku li jrid ikun hemm f'kull kawża, bil-mod segwenti:*
>
> *"54. L'azione presuppone il diritto, che essa e' chiamata a tutelare; ma perche' la si eserciti e' mestieri che vi si abbia interesse. Indi' la massima di giurisprudenza tradizionale "l'interesse e' la misura di azione" "point d'interet, point d'action". Il Codice di procedura civile italiano enuncia questo principio, applicandolo sia all'attore che al convenuto: all'articolo 36 (illum art.100 c.p.c.) e' detto che 'per proporre una domanda in giudizio e per contradirre alla medesima, e' necessario avervi interesse'... l'interesse*

[1] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali) fl-10 ta' Ottubru 2017- Rik. Ġur. Numru 123/2008

*necessario per potere partecipare alla causa in qualita' di attore, di convenuto, o di terzo interveniete – deve essere diretto, legittimo, e attuale.*

*55. E' mestieri dapprima che l'interesse sia diretto, personale, perche' …niuno e' ammesso a stare in giudizio se non per difesa di un interesse proprio, o di persona che esso legalmente rappresenta.*

*56. L'interesse deve in secondo luogo essere legittimo, cioe' confome al diritto di chi sta in causa. L'interesse e' cosa essenzialmente distinta dal diritto, come l'utile e' distinto dal giusto; l'azione compete soltanto a tutula dei diritti, l'interesse e' la molla che la mette in esercizio. Quindi, se l'interesse e' scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possibilie; cosi' che, per isituire un giudizio, non basta che un fatto d'altri pregiudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto ci arrechi un danno giuridico, danno che non esiste se non e' injuria datum, se cioe' non e' prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto proprio,offende un nostro diritto.*

*57. Per ultimo l'interesse deve essere attuale, val quanto dire occorre che esista al momento in cui si propone l'azione. Avvertasi pero' che l'interesse puo' essere attuale, sebbene il diritto a cui si riferisce sia soltanto a termine, od anche solo eventuale; imperocche' anche un diritto eventuale puo' essere leso; e la lesione fa sorgere l'interesse attuale e legittimo ad ottenere al ricognizione del diritto col mezzo di una condanna preventiva, che risolva la contesa presente".*

*Il-liġi proċedurali tagħna ma tipprovdix artikolu speċifiku dwar dan linteress ġuridiku f'kawża bħal ma tagħmel dik taljana. Imma kif kellhom okkazjoni jgħidu l-Qrati tagħna:*

*"Fu nondimeno ritenuto nella patria giurisprudenza, malgrado il difetto di una preciza disposizione della legge in materia,e come corollario di queste due disposizioni (ss. 256 u 960) che base e misura di ogni azione giudiziario e' l'interesse in chi la istituisce e in chi la contesta; perche' se l'interesse e' una condizione sine qua non per il semplice intervento o per l'appello, e' tale con maggior ragione per poter iniziare un giudizio".*

*Infatti teżisti ġurisprudenza konstanti tal-Qrati tagħna dwar l-elementi tal-interess ġuridiku meħtieġa f'kull kawża. Hekk insibu jingħad illi:*

*"In tema legali jinsab stabbilit fid-dritt ġudizzjarju ċivili li l-interess hu l-miżura tal-azzjoni (vol.XXVII.ii.608); u r-rekwiżit tal-interess hu ndispensabbli għall-proponibbilita' ta' domandi fi kwalunkwe sede ta' ġurisidizzjoni kontenzjuża (vol.XXVII.i.507). L-interess hu l-bażi tal-azzjoni (vol.XXIX.i.891); u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess (vol.XXX.i.317). L-attur fil-ġudizzju jrid ikollu nteress jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment tagħha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaċi li tipproduċi riżultament vantaġġjuż jew utili għal minn jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta. U l-interess irid ikun ġia twieled u jrid ikun attwali, biex jiġġustifika l-azzjoni (vol.XXXIII.i.108; vol.XXXVII.i.57; XXXVII.ii.608).*

*Biex wieħed jipproponi domanda f'ġudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bżonn illi jkollu interess fiha, jiġifieri hemm bżonn illi d-domanda ġġiblu riżultat utili; liema interess irid ikun leġittimu u konkret (vol.XXVIII.ii.317)."*

25. Illi fid-dawl tal-insenjament hawn fuq delineat, irid jiġi stabbilit minn din il-Qorti jekk l-interess tal-attriċi fil-kawża odjerna hux wieħed dirett u personali, leġittimu u attwali.

26. Hawnhekk, referenza ser issir għall-polza ta' assigurazzjoni, illi hija l-qofol ta' din il-kawża, ossia, fuq xiex l-attriċi qiegħda tibbaża l-azzjoni tagħha.

27. Kif jidher ċar mid-dokumenti a fol 11-20, 99-106, 161-166 tal-proċess[2], il-polza ta' assigurazzjoni in kwistjoni maħruġa mis-soċjeta' konvenuta hija waħda f'isem kemm Joseph Saliba kif ukoll f'isem l-attriċi, Rita Saliba. Il-Qorti tosserva illi hawnhekk għandna polza illi tappartjeni wkoll lill-istess attriċi Rita Saliba kif jidher ċar u manifest mid-dokumenti surreferiti li jirrelataw mal-polza in deżamina fejn hemm imniżżla sew id-dettalji kif ukoll il-firma tal-attriċi.

28. Għaldaqstant, huwa evidenti illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mid-duttrina u mill-ġurisprudenza sabiex jiġi affermat l-interess ġuridiku tar-rikorrenti u b'hekk il-Qorti sejra tiċħad din l-eċċezzjoni sollevata mis-soċjeta' konvenuta.

29. B'hekk, il-Qorti sejra issa tidħol u tistħarreġ il-mertu tal-każ.

**Meritu tal-każ**

30. Illi kif diġa' ngħad, fil-kawża odjerna l-Qorti ġiet kjamata sabiex tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta hija tenuta tindemmniżża lill-attriċi skont il-polza ta' assigurazzjoni tat-tip life insurance maħruġa mill-istess soċjeta' konvenuta u konsegwentament, tillikwida u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas is-somma dovuta lill-attriċi skont il-polza.

31. Il-Qorti tibda billi tosserva illi mill-qari, kemm tal-premessi kif ukoll tat-talbiet, l-attriċi tonqos milli tagħmel referenza għal-liema polza qiegħda tirreferi, u ċioe' fuq liema hi l-polza li fuqha qiegħda tibbaża l-azzjoni tagħha. Jiġi nnutat illi la saret referenza għan-numru tal-polza, la hemm kopja annessa mar-rikors ġuramentata tal-polza in kwistjoni u lanqas hemm dettalji tal-polza *de quo.* Tant hu hekk illi, inizjalment, ir-rikorrenti ippreżentat serje ta' dokumentazzjoni dwar polza tal-assikurazzjoni illi ma kellha ebda rilevanza għall-kawża odjerna.

32. Madanakollu, sussegwentement, ġew ippreżentati dokumentazzjoni oħra u jidher, mill-provi kollha prodotti, illi l-polza ta' assigurazzjoni in deżamina hija dik li ġġib in-numru 300-003371.

33. Stabbilit liema hija l-polza in eżami, l-eżerċizzju li trid tagħmel din il-Qorti sabiex tistħarreġ jekk dak mitlub mill-attriċi jimmeritax jew le illi jiġi akkolt fid-dawl tal-eċċezzjonijiet sollevati mis-soċjeta' konvenuta, huwa illi teżamina l-*proposal form* għal din il-polza ta' tip ta' *life insurance.*

[2] Liema dokumenti huma l-*proposal form* għall-polza ta' assigurazzjoni maħruġa mis-soċjeta' konvenuta.

34. Il-Qorti tqis illi din il-*proposal form* u l-kontenut ta' din il-*proposal form* huwa l-*crux* sabiex jiġi stabbilit jekk l-attriċi għandhiex tiġi ndemmnizzata jew le skont il-polza ta' assigurazzjoni surreferita.

35. Minn qari ta' tali dokumentazzjoni, jidher mill-*proposal form* eżebita in atti a fol 11-20, fol 99-106 u fol 161-166 u datata 16 ta' Settembru 2014, senjatament fil-parti intitolata *"II PERSONAL HISTORY"*, li kemm ir-rikorrenti kif ukoll ir-raġel tagħha, kellhom jipprovdu dettalji dwar l-istat ta' saħħa tagħhom u dan sabiex dawn id-dettalji jiġu evalwati mis-soċjeta' konvenuta fl-għarbiel tagħha jekk tinħariġx jew le din il-polza.

36. Illi d-domandi illi huma l-qofol ta' dan il-kawża hija dik numru tlieta (3) u dik numru erbgħa (4). Id-domanda numru tlieta (3) tipprovdi s-segwenti:

    *"Have you had any hospital treatment during the last five years, or is any hospital treatment planned in the future?".*

    Filwaqt illi d-domanda numru erbgħa (4) taqra hekk:

    "*Have you ever been diagnosed or intend to undergo any investigations in relation to Cancer, Stroke, Heart Attack, By Pass Surgery, Kidney problems, Aids & HIV infection, sexually transmitted diseases & Diabetes",*

37. Jirriżulta illi għal tali domandi, kemm l-attriċi **kif ukoll żewġha l-mejjet Joseph Saliba rrispondew *"No"*** [3].

38. Hawnhekk, il-Qorti jidhrilha opportun illi tagħmel referenza għad-dokument immarkat bħala Dok B ippreżentat mar-rikors promutur a fol 5 tal-proċess. Illi dan huwa rapport mediku redatt minn Dr Robert G. Xuereb datat 15 ta' Ġunju 2022 fejn fih Dr Xuereb jispjega illi l-mejjet Joseph Saliba:

    *"Mr Saliba initially presented at 41 years of age with chest pain related to exertion. Subsequent investigations revealed the presence of Coronary Artery Disease.*

    ***Coronary Artery Bypass Grafting was successfully carried out in 2009.*** [4] *He subsequently, underwent Percutanous Coronary Intervention in 2019 and again in 2020".*

    Fl-istess rapport jispjega wkoll illi l-aħħar illi invistha lil Joseph Saliba fil-klinika tiegħu kien fl-24 ta' Ġunju 2021 u jgħid illi:

    *"Mr Saliba was well and symptomfree".*

39. Illi Dr Robert G. Xuereb xehed quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2023 fejn huwa qal is-segwenti:

    *"Dr David Camilleri :*

[3] Enfażi u sottolinear ta' din il-Qorti
[4] Enfażi u sottolinear ta' din il-Qorti

*Mela Dr Xuereb emm ... kif se ... kif ġie għandek Joseph Saliba ... minn xiex kien qed jilmenta ... x'kura tajtu?*

*Ix-Xhud :*
*Mela jiena lil Mr Saliba kont ili nafu mindu kellu wieħed u erbgħin (41) sena meta kont narah l-isptar dak iż-żmien kien St Luke's u kont ...* ***kien ġie għandi minħabba li kellu uġiegħ f' sidru u kont għamiltlu coronary angiogram jiġifieri huwa x-ray għal arterji għall-qalb li hemm hekk kellu djuq tal-arterji li kellu bżonn dak iż-żmien l-operazzjoni tal-bypass. Li kien għamilha propju fis-sena 2009 u kienu għamlulu tlett bypasses għal qalb ...***[5] *bqajt insegwih mill-isptar u kellu wkoll bżonn molla f'waħda mill-vini tal-pajp u din saritlu fl-2019. Rajtu mbagħad l-ewwel darba fil-klinika tiegħi Ta' Xbiex privatament u dan kien l-ewwel darba li rajtu hemm hekk ... kien fit-30 ta' Marzu 2020 u baqa' jattendi fil-klinika tiegħi privata ... allura bdejt narah b'mod iktar personali minn dak iż-żmien l'hawn. Waqt li kont narah għadda minn episodju ieħor ta' dak li ngħidulu aħna attakk tal-qalb u kellu bżonn molla b'mod urġenti li ngħidulha Primary BCI ... jiġifieri kellu djuq li nfetħet b' molla f'wahda mill-vini li kienu għamlulu waqt il-bypass. Bqajt insegwih u konna nagħmlulu regolarment testijiet fosthom kien għamel ultrasound tal-qalb and ECO cardiogram fi Frar tal-2020 li kien normali bħala funzjoni tal-qalb ... għamel ukoll test ta' stress test f'Marzu tal- '20 li ġie normali u mbagħad fis-sena 2020 f' Settembru ... reġa' kellu attakk tal-qalb ħafif aħna nsejħu Non ST Elevation Myocardial Infarction ... NSTEMI u kellu reġa' bżonn molol f'postijiet differenti pero fl-istess vina. Erġajna għamilnilu l-ECO f'Mejju tal-2021 u reġa' wera li bħala funzjoni tal-qalb kienet tajba ... normali. In the meantime imbagħad sirt naf wara li daħal l-isptar f'Diċembru ta' '22 bil-marda tal-Gallstones ... ġebel fil-marrara.*

.....

*Dr Massimo Vella :*
*Mela bħala jiġifieri interventi li għandhom x'jaqsmu mal-qalb u bypass ... qed ngħidu jekk fhimtek sew kien hemm tlett (3) interventi separati?*

*Ix-Xhud :*
*Mela kien għamel il-bypass ... l-operazzjonijiet li hija operazzjoni ... operazzjoni fejn jiġu graftjati l-arterja ... l-arterji tal-qalb kif ukoll vini jittiehdu mis-saqajn għall-arterji tal-qalb ... 2009. Hemm hekk sabulu tliet grafts u mbagħad kellu bżonn molol ... PCI ngħidulhom aħna stents ... bil-Malti nirreferu għalihom bħala molol biex dak li jkun jifhimna emm ... f' September ta' 2020 emm ... u kien kellu oħra ħalli nkun preċiż fi Frar ta' 2020 meta jiġifieri darbtejn ... February ta' 2020 u f'September 2020.*

*Dr Massimo Vella :*
*U jidhirli semmejt ukoll molla oħra fl-2019 jekk mhux sejjer żball?*

*Ix-Xhud :*

---
[5] Enfażi u sottolinear ta' din il-Qorti

*Emm ... iva nikkonferma mela ... iva għandek raġun ... mela molla fl-2019 pero jekk intom tippermettuli nkun nista' nkun iktar preċiż ... nista' nuża l-aċċess għad-database li għandna l-isptar?*

*Il-Qorti :*
*Yes ... yes bil-qalb kollha.*

*Ix-Xhud :*
*Ha narah bħal issa quddiemi ... mela biex inkunu preċiżi mela ... mela ok so ... mela għandna mela 8th January 2019 ... 8th January 2019 kien sarlu angiogram u proceed. Proceed tfisser li bqajna għaddejjin għamilnilu molla. Emm fil ... fit-23rd February 2020 ... 23 ta' Frar tal-2020 kien daħal bl-attakk tal-qalb u sarlu stent tant ieħor bħala emerġenza ... ngħidulha primary PCI ... mela dawk huma darbtejn bħala stents. U mbagħad sarlu ieħor ... mela that was in February 2020 iva u mbagħad sarlu ieħor in September 2020 ... mela tliet darbiet.*

….

***Il-Qorti :***
***Ha nistaqsik domanda waħda jien jiġifieri … I hate to repeat myself imma kemm inkun moħħi mistrieħ … mela inti tikkonfermali li fit-2009 dan għamel operazzjoni tal-bypass.***

***Ix-Xhud :***
***Nikkonferma.***[6]

…

*Dr Massimo Vella :*
*Emm ... ħa nieħdok lura għall-ewwel bypass tal-2009 ... jiġifieri qabel dak l-intervent kemm kien ilu pazjent tiegħek dwar affarijiet relatati mal-qalb?*

*Ix-Xhud :*
*Mela jiena kont dak iż-żmien ... ma kontx rajtu fil-klinika privata imma kont rajtu l-isptar dak ... kien żmien ... kien St Luke's. Emm ... u kont rajtu proprju dak iż-żmien għax kien preżenta b'uġigħ f'sidru ... kellu wieħed u erbgħin (41) sena u kien ippreżenta b'uġigħ f'sidru. Imbagħad jiena kont għamiltlu l-angiogram u kont irriferejtu għall-bypass.*

*Dr Massimo Vella :*
*Iġifieri dak kien l-ewwel darba li inti biex ngħidu hekk ... kellek kuntatt miegħu.*

*Ix-Xhud :*
*Hekk hu ... nikkonferma.*

*Il-Qorti :*

---

[6] Enfażi u sottolinear ta' din il-Qorti

*Fit-2009?*

*Ix-Xhud :*
*Fit-2009".*

(fol 26 et seq-27, 27 et seq, 29-30)

40. Il-Qorti tagħmel referenza għall-affidavit tal-attriċi fejn hija tgħid illi:

*"Niftakar li meta estendejna l-ewwel polza, ċioe' fis-16 ta' Settembru 2014 jien u r-raġel konna attendejna il-bank tal-HSBC f'Ħaż-Żebbuġ u uffiċjal tal-bank kien spjegalna fil-qosor il-polza li ppreżentajna, u aħna iffirmajniha.*

*Issa, l-avukati tiegħi ndikawli dak li hemm kontenut f'paġna 3 tal-istess polza, speċifikament klawżoli nru. 3 u 4 fejn hemm is-segwenti:*

*1. Jekk qatt kellniex trattament ġo sptar fil-ħames (5) snin preċedenti - naturalment jien nista' nikkonferma li sa ħames (5) snin qabel ma ffirmajna l-polza ta' assigurazzjoni, la jien u lanqas ir-raġel ma kellna bżonn trattament l-isptar; u*

*2. Jekk konniex qatt, fost affarijiet oħra, għamilna by-pass surgery. Aħna meta konna ffirmajna dil-polza konna ġenwini u ma niftakarx li dawn il-kundizzjonijiet kienu ġew spjegati lilna fid-dettal, peress illi l-uffiċjal tal-bank ukoll kien qed jikkunsidra l-polza bħala waħda mġedda u mhux waħda ġdida. Kull ma naf ngħid huwa dak iż-żmien kemm jien u kemm żewġi konna b'saħħitna u ma konna qed nbgħatu bl-ebda kundizzjonijiet medika.*

*Nifhem illi s-soċjeta' konvenuta qiegħda tirrifjuta li tħallasna l-kumpens dovut minħabba illi r-raġel tiegħi, peress illi fit-2009 kien għamel by-pass surgery. Nispjega pero' illi, għad li dan huwa minnu, dan ma kellux għalfejn jaffettwa l-polza ta' assigurazzjoni peress illi r-raġel tiegħi kien b'saħħtu u kif anke xehed Dr Robert Xuereb, qalb ir-raġel tiegħi kienet tajba".*

(fol 37-38).

41. L-istess attriċi xehdet in kontro-eżami fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2023 u qalet is-segwenti:

*"Dr Massimo Vella :*
*Ara naqblux sinjura ir-raġel tiegħek fl-2009 kien għamel intervent mediku essenzjalment ghamlulu tliet bypasses f'qalbu naqblu ?*

**** diskors inawdibbli mix-xhud ****

*Il-Qorti :*
*Iva naqblu hux ?*

*Ix-Xhud :*
*Iva ... iva ...*

*Dr Massimo Vella :*
*Issa ara naqblux ukoll intom meta ġejtu biex tieħdu t-tieni polza tal-assigurazzjoni li hi dik li tifforma s-suġġett ta' din il-kawża ... daka kien f'Settembru 2014 naqblu ?*

*Ix-Xhud :*
*Iva.*

*Dr Massimo Vella :*
*Tiftakar meta kien għamel l-intervent f'qalbu r-raġel l-ewwel wieħed tal- '09 ? Liema xahar kien ?*

*Ix-Xhud :*
*Niftakar meta għamel il-bypass.*

*Dr Massimo Vella :*
*Meta kien ?*

*Ix-Xhud :*
*Emm ...*

*Il-Qorti :*
*L-ewwel bypass f'liema parti tas-sena ? Kien fis-sajf ? Kien fix-xitwa ?*

*Ix-Xhud :*
*Fix-xitwa naħseb ?*

*Il-Qorti :*
*Iġifieri fil-bidu ta' 2009 ?*

*Ix-Xhud :*
*Ehe.*

*Dr Massimo Vella :*
*Intom meta ffirmajtu l-proposal form, tiftakar kien hemm numru ta' mistoqsijiet ...*

*Ix-Xhud :*
*Eħe ...*

*Dr Massimo Vella :*
*Mela ħa naqralek mistoqsija minnhom ... mela ...*

*....*

*Il-Qorti :*
*Mela x-xhud qed ... qed issir referenza għad-dokument li jidher a fol 11 eċċetera eżebit mis-soċjetà intimata partikolarment id-dokument a fol 13 ...*

*Dr Massimo Vella :*
*Mela … mela inti ħa nirreferik speċifikament għall-mistoqsija numru 3.*

*Il-Qorti:*
*Hawn hekk għandi miktub sinjura … sorry dottore … have you had any hospital treatment during the last five years or is any hospital treatment planned in the future ? Issa qabel xejn ħa nistaqsik … meta nara First Life jiena qed nifhem li huwa Joseph Saliba għax jiena bl-istess … bl-istess domanda u meta nara Second Life jiena qed inqis li din hija għandha x'taqsam miegħek …*

*Ix-Xhud :*
*Jien ma nafx … ma nafx … ma niftakarx x'qal li r-raġel ta' … ħa ngħid hekk għax li għidt jiena niftakar …*

*Il-Qorti :*
*Imma intom mhux flimkien kontu ?*

*Dr Massimo Vella :*
*Għax inti fl-affidavit tiegħek x' qal ir-raġel għidtilna ta' …*

*Ix-Xhud :*
*Għidtilkom li veru kien bil-bypass …*

*…*

*Ix-Xhud :*
*Kienu għaddew … għaddew ħames (5) snin.*

*Dr Massimo Vella :*
*U għal rigward … kien hemm domanda oħra sinjura ta' għax issa qed tiftakar qisek … id-domanda ta' wara n-numru 4 … have you ever been diagnosed and intend to undergo any investigation in relation to cancer / heart attack / bypass / surgery u din hija …*

*Il-Qorti :*
*Hawn hekk sinjura hawn domanda jekk qattx għamiltu by pass …*

*Dr Massimo Vella :*
*U r-raġel tiegħek kien wieġeb le … naqblu li r-risposta li ta hija ħaġa żbaljata għax kien ta' … kellu bypass fl-2009 ?*

*Ix-Xhud :*
*All right jekk qal no hija żbaljata imma safejn naf jiena kienu ilhom … kien ilu li għamilha l-bypass qabel għamilna dan … kienet għaddiet.*

*Il-Qorti :*
*Il-bypass saret fit-2009 … naqblu. Dan id-dokument ġie ffirmat fit-2014 …*

*Ix-Xhud :*

*Jiġifieri aħna …*

*Il-Qorti :*
*Id-domanda li qed jagħmillek id-*dottore *huwa … hawn hekk hawn domanda ftit ċara … jgħidulek ħares inti qatt kellek xi problema … għamilt xi bypass u hekk u għal xi raġuni hawn hekk hawn miktub no. Issa taf xi ħaġa fuqha din ?*

*Ix-Xhud :*
*Ma nafx.*

*Il-Qorti :*
*Sorry dottore …*

*Ix-Xhud :*
*Naħseb għax kien għadda ż-żmien b'hekk aħna naħseb għidna … rrispondejna li le għax kien għaddew … għadda ż-żmien hux.*

*…*

*Dr Massimo Vella :*
*Bejn dak il-punt sa meta ġie nieqes ir-raġel erġajtu tkellimtu mal-HSBC Life ?*

*Ix-Xhud :*
*Imma ħadd ma staqsiena mistoqsijiet jekk aħniex morda jew jekk npejpux jew hekk … ħadd …*

*Dr Massimo Vella :*
*Għidtulhom xi ħaġa ? Naqblu li ma għidtulhom xejn ?*

*Ix-Xhud :*
*Jekk ma staqsuniex …*

*Dr Massimo Vella :*
*Ma għidtulhom xejn tajjeb.*

*Ix-Xhud :*
*Jekk ma staqsuniex …*

*Dr Massimo Vella :*
*Sur Imħallef issa ħa mmorru daqsxejn jekk jogħġbok … aqleb il-paġna hemm section … for representation … il-paġna ta' wara …*

*Il-Qorti :*
*Din ?*

*Dr Massimo Vella :*
*Dik choice of policy details … ta' wara l-4 … Section 4 …*

*Il-Qorti :*
*Din all right ... paġna 17 ... all right ...*

*Dr Massimo Vella :*
*Mela hawn hekk dawn huma dikjarazzjonijiet sinjura li għamiltu intom meta ffirmajtu l-proposal u ddikjarajtu hekk. Qed jgħidlek trid taqra b'attenzjoni u qed tiffirma ... u qed tiffirma dikjarazzjoni. Issa qed jgħidlek ... inti qed tikkonferma ... ħa naqrahielek bl-Ingliż ħalli ma jkunx hemm diżgwid. L-ewwel bullet ... declare that the answers in this proposal are the best of my / our knowledge and believe, true and complete. Naqblu li fil-każ tal-mistoqsija dwar il-by pass surgery tar-raġel dan mhux il-każ ir-risposta ma kienet la true u lanqas complete.*

*Ix-Xhud :*
*Imma aħna qatt ma ħadd ma qrahielna din.*

*Dr Massimo Vella:*
*Inti taf taqra sinjura ?*

*Ix-Xhud :*
*Naf naqra.*

*Dr Massimo Vella :*
*Ir-raġel kien jaf jaqra ?*

*Ix-Xhud :*
*Imma dak il-ħin aħna ffirma l-karta ... ma qgħadniex ...*

*Dr Massimo Vella :*
*Sinjura r-raġel kien jaf jaqra iva jew le ?*

*Ix-Xhud :*
*Iva kien jaf jaqra.*

*Dr Massimo Vella :*
*It-tieni bullet ... declare that I / we have not witheld any material facts ... these are the facts which influence a prudent insurer when assessing or accepting the risk ... and statements made or any connected declaration whether in my or our handwriting or not, are true and complete and shall form the basis of this contract of life assurance. I / we understand that failure to disclose material facts may invalidate the policy. Naqblu li anke għar-rigward ta' dan it-tieni bullet intom it-tieni dikjarazzjoni ma mxejtux magħha ? Iva jew le ? Naqblu ? Iva jew le sinjura taqbel miegħi ? Tkellem fil-microphone għax mhux se joħroġ ...*

*Il-Qorti :*
*Iva hux hekk ? Taqbel miegħu ...*

*Dr Massimo Vella :*
*Issa jekk tara aktar ‘l isfel Sur Imħallef ...*

*Il-Qorti :*
*Liema bullet?*

*Dr Massimo Vella :*
*Ibqa' tiela' sekonda ... hemm ... hemm ... l-ewwel bullet li tidher issa ... agree ... mela inti kellek din il-kundizzjoni wkoll ... mela agree that if there is any change in the state of health of the life / lives to be assured or in any other detail affecting the risk between the date of this application and the commencement date of the policy, I / we will inform the company in writing. The company will then have the right to reconsider terms accordingly.*

*Il-Qorti :*
*Sal-commencement date of policy ...*

*Dr Massimo Vella:*
*Sal commencement ... kellkom chance sa minn meta għamiltu dan id-dokument sal-commencement ... naqblu li intom bejn dawk iż-żewġ punti ma kellimtuhiex lill-insurance ?*

*Ix-Xhud :*
*Le ma kellimnihiex.*

*Il-Qorti :*
*Le ma kellimthomx ..."*

(fol 138-140 et seq)

42. Illi fis-seduta tal-1 ta' Frar 2024 xehed quddiem din il-Qorti, Edward Micallef bħala *underwriting and claims manager* tas-soċjeta' konvenuta. Illi fix-xhieda tiegħu huwa jirrileva s-segwenti:

*"Dr Massimo Vella :*
*Tista' tgħidilna ftit jekk jogħġbok x'tip ta' poloz kienu ? Jekk għandek xi dokumentazzjoni tihomna ...*

*Ix-Xhud :*
*Emm ... il- poloz kellhom tnejn partikolari li dak li jissejħu protection life ... life term covers. Waħda ingħalqet u emm ... infetħet waħda ġdida.*

*Dr Massimo Vella :*
*Mela ha nibdew bl- ewwel waħda li qed tgħid li ngħalqet. Tgħidilna ftit meta saret u kelliex xi numru ta' referenza partikolari ?*

*Ix-Xhud :*
*M' għandix id- dokument f' idi imma jekk niftakar sew il- polza saret fit- 2006 ... għandek hemm id- data fuq id- dokument.*

*Dr Massimo Vella :*
*Tgħidilna ftit id- data ta' l- ewwel polza u kellhiex xi numru ta' referenza ?*

*Ix- Xhud :*
*Yes l- ewwel polza id- data tagħha kienet Mejju ta' 2006 u l- numru kien 310 005 393.*

*Il-Qorti :*
*U x'tip ta' polza kienet ?*

*Ix-Xhud :*
*Kienet emm ... loan protector plan ...*

*Dr Massimo Vella :*
*Li jfisser ?*

*Ix-Xhud :*
*Tfisser tkun qed tittieħed ma' loan emm ... biex isservi bħala collateral ... bħala security għal self li l- applikanti ... l- applikant ikollu mal ... mal- bank f' dal- każ.*

*Dr Massimo Vella :*
*Issa inti semmejt li dik il- polza ngħalqet. Meta ngħalqet jekk jogħġbok ?*

*Ix-Xhud :*
*Il- polza ingħalqet ... meta infetħet il- polza l- ġdida.*

*Dr Massimo Vella :*
*Mela l- polza l- ġdida ... id- data tal- polza l- ġdida u jekk għandna numru ta' referenza.*

*Ix-Xhud :*
*Id- data tal- polza l- ġdida kien Settembru ta' 2014 u n- numru huwa 300 003 371.*

*Dr Massimo Vella :*
*Iġifieri bin- numru ta' referenza differenti jekk qed nifhem sew.*

*Ix-Xhud :*
*Kompletament.*

*Dr Massimo Vella :*
*Issa bejn l- ewwel polza u t- tieni polza x' tista' tgħidilna ? Hemm xi ħaġa bejniethom ? X' inhuma ?*

*Ix-Xhud :*
*L- agreement ... il- poloz huma separati ... dejjem emm ... huwa agreement separat. Kull meta tittieħed polza ġdida jittieħed applikazzjoni ġdida u allura emm ... jiġu mistoqsija mistoqsijiet speċifiċi li jkunu jirrigwardaw il- dik il- polza.*

*Dr Massimo Vella :*

*Lil would be … assigurat biex ngħidu hekk ?*

*Ix-Xhud:*
*Lil min qiegħed japplika biex jassigura ħajtu.*

*Dr Massimo Vella :*
*Eżatt issa … emm … isir il- proċess mill- ġdid għidtilna ?*

*Ix-Xhud :*
*Yes. Isir dak li aħna nsejħulu l- underwriting mill- ġdid … emm l- applikant jiġi mistoqsi a number of questions … numru ta' mistoqsijiet u ovvjament fuq dak li jirrispondi aħna nkunu nistgħu nassessjaw.*

*….*

*Dr Massimo Vella :*
*Issa f' dal- każ partikolari il- claim ta' Mrs Saliba ġiet rifjutata minn HSBC Life. Tista' tispjega l- Qorti l- għala ?*

*Ix-Xhud :*
*Mela il … il- każ ġie assessjat. Aħna meta jkun hemm claim nistaqsu għal xi informazzjoni minn sorsi biex ituna informazzjoni ħa naraw daqsxejn l- applikazzjoni kinitx magħmula kif suppost. U jirriżulta li minn informazzjoni li aħna irċivejna kien hemm fattur … dak li aħna nsejħulu a material information li ma ġiex … ma ġiex emm … hawn ma ġiex mogħti lilna fl- applikazzjoni.*

*Dr Massimo Vella :*
*Sewwa jiġifieri l- applikant tal- polza kellu jagħmel ċertu dikjarazzjonijiet …*

*Ix-Xhud :*
*Eżattament ġie mistoqsi …*

*Dr Massimo Vella :*
*U intom skoprejtu li ma tax xi informazzjoni … u x'kienet din l-informazzjoni ?*

*Ix-Xhud :*
*Mela waħda mill- mistoqsijiet tistaqsi jekk l- applikant ikunx ġie jew diagnosed jew għamel xi testijiet fost kundizzjonijiet oħra emm … ta' by pass surgery … hemm kundizzjonijiet oħrajn imma fil- każ tagħna kienet il- by pass surgery l- iktar importanti. Emm … l- applikant meta applika qalilna le imbagħad wara li rriżulta li l- informazzjoni li rċivejna juru li fil- fatt kien għadda minn by pass surgery.*

*Il-Qorti :*
*Jekk jogħġbok kemm nistaqsik imbagħad inti se teżebili dokumenti fid- dettal. Jien għandi dan id- dokument … hawn hekk għandi fuq fol 13 għandi sett ta' domandi u hawn hekk hawn … have you had a hospital treatment ? U għandi no fit- tnejn li huma. Hija din …*

*Ix-Xhud :*
*In- number 4 ... qed nirreferi għal ... eżatt. Dik ukoll ... dik ukoll ... it- 3 ... imma n- number 4 hi iktar speċifika mbagħad.*

....

*Dr Massimo Vella :*
*Issa apparti d- dokumentazzjoni relattiva għal poloz jiġifieri proposal form u l-polza nnifisha għandek xi dokumentazzjoni oħra ? Għandek xi korrispondenza minn xi ħadd ?*

*Ix-Xhud :*
*Ehe jiena għandi korrispondenza li nkunu rċevejna aħna emm ... mingħand tobba f' dal- każ ... mingħand ... aħna ovvjament insaqsu. Għandi wkoll xi case summaries ta' l- isptar li juru ... juru li Mr Saliba ... the late Mr Saliba kien operat emm ... coronary artery bypass grafting fit- 2009.*

*Dr Massimo Vella :*
*Fit- 2009. Din l- informazzjoni allura meta waslitilkom jiġifieri ?*

*Ix-Xhud :*
*Meta nkunu qed nassessjaw il- claim ... jiġifieri wara l- mewt.*

*Dr Massimo Vella:*
*Wara li ġie nieqes ...*

*Ix-Xhud :*
*Wara l- mewt. Meta nkunu nfurmati li saret claim".*

(fol 149 et seq – 152 et seq)

**Ikkunsidrat**

43. Il-Qorti tqis illi għandu jiġi riaffermat illi l-każ in deżamina jirrigwarda kuntratt ta' assigurazzjoni fejn, bħal kull kuntratt ieħor, irid jiġi msejjes fuq il-*bona fidi*. Apparti minn hekk, f'kuntratt bħal dan, hija l-liġi stess li teżiġi mill-partijiet kontraenti l-"*uberrimae fidei*", jew kif nirreferu għaliha bl-Ingliż *"utmost good faith"*.

44. Mill-provi prodotti, jirriżulta ċar illi meta l-attriċi flimkien ma' żewġha mlew il-*proposal form,* li abbażi tagħha sussegwentament inħarġet il-polza ta' assigurazzjoni bin-numru 300-003371 f'Settembru tas-sena 2014, il-mejjet Joseph Saliba kien naqas milli jinforma lis-soċjeta' konvenuta illi, fis-sena 2009, u ċioe' ħames snin qabel, kien għamel l-intervent tal-*bypass* u dana minkejja l-fatt illi fil-*proposal form* stess kien hemm imniżżel, iswed fuq abjad, senjatament fid-domanda numru erbgħa (4), domanda dwar jekk qatt kien għamel intervent bħal dan.

45. Il-Qorti tosserva kif, mill-provi prodotti, hemm qbil assolut fuq meta l-mejjet Joseph Saliba għamel l-intervent tal-*bypass*. Infatti, l-attriċi stess tikkonferma dan, kemm fl-affidavit tagħha kif ukoll fix-xhieda tagħha in kontro-eżami. L-istess ġie kkonfermat

mit-tabib Dr Robert G Xuereb kemm fix-xhieda tiegħu kif ukoll mir-rapport mediku redatt minnu. Huwa għamel tali intervent fis-sena 2009!

46. Għaldaqstant huwa evidenti illi, meta r-rikorrenti flimkien mar-raġel tagħha mlew din il-*proposal form* fis-sena 2014, l-informazzjoni u d-dikjarazzjonijiet mogħtija mir-raġel tagħha għal dak li għandu x'jaqsam mad-domandi numru tlieta (3) u numru erbgħa (4) fis-sezzjoni intitolata *"II PERSONAL HISTORY*" tal-*proposal form* kienet waħda kompletament skorretta.

47. Il-Qorti tinnota wkoll kif fl-istess *proposal form* kien hemm imniżżel dawn is-segwenti dikjarazzjonijiet:

> *"declare that the answers in this proposal are, to the best of my/our knowledge and belief, true and complete.*
>
> *declare that I/we have not withheld any material facts (these are the facts which influence a prudent insurer when assessing or accepting the risk) and statements made or any connected declaration, whether in my/our handwriting or not, are true and complete and shall form the basis of this contract of life insurance. I/we understand that failure to disclose material facts may invalidate the policy.*
>
> …
>
> *agree that if there is any change in the state of health of the life, lives to be assured or in any other detail affecting the risk between the date of this application and the commencement date of the policy, I/we will inform the Company in writing. The Company will then have the right to reconsider terms accordingly".*
>
> (fol 17,104, 164 et seq).

48. Il-Qorti tosserva illi l-attriċi u r-raġel tagħha ffirmaw din il-proposal form u konsegwentament dawn id-dikjarazzjonijiet hawn fuq imsemmija, kienu japplikaw għalihom. Kif ġie stabbilit mix-xhieda tar-rikorrenti, minn meta saret dik il-*proposal form* sakemm inħarġet il-polza, huma qatt ma kienu kkuntattjaw lis-soċjeta' konvenuta biex jikkorregu dak li ddikjaraw u jgħarrfuha dwar l-intervent tal-*bypass* tar-raġel tal-attriċi.

49. Il-Qorti tqis illi l-informazzjoni skorretta mogħtija mill-mejjet Joseph Saliba fil-*proposal form,* għandha titqies fatt materjali għaliex jaffettwa l-valutazzjoni li kumpanija tal-assigurazzjoni trid tagħmel meta tkun qiegħda tevalwa r-riskju. In fatti, meta mistoqsi fuqha, x-xhud Edward Micallef waqt ix-xhieda tiegħu jgħid hekk:

> *"Dr Massimo Vella :*
> *Issa fil- każ ta' xi ħadd li jwieġeb yes … assumendo dik id- domanda numru 4 x' jiġri ? X'inhi l- proċedura li tadotta … li tadotta l- assigurazzjoni ?*
>
> *Ix- Xhud :*
> *Ifhem … dik hija mistoqsija ipotetika f'dan il- każ pero emm … f'dak il- każ aħna ħa nistaqsu għal aktar dettalji … għal aktar informazzjoni … nitolbu*

*iktar emm ... evidenza ta' x'ġara eżatt u x' ma ġarax ... in all probabilities il-każ ma jibqax ta' open heart emm ... ikun ta' open heart surgery ... we ... we usually decline ... decline the cover".*

(fol 154).

50. Il-Qorti hawnhekk tqis illi jkun opportun tagħmel referenza għall-ġurisprudenza nostrana. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Marco Tanti vs O.F Gollcher & Sons Limited bħala rappreżentanti lokali tas-soċjeta' estera Lloyds Underwriters***[7] il-Qorti tenniet illi:

*"Illi ir-rationale tal-istess regola ġie spjegat fil-każ "Carter vs Boehm" (1766) 3 Burr. 1905 at 1909) meta Lord Mansfield spjega li :-*

*"Insurance is a contract upon speculation. The special facts, upon which the contingent chance is to be computed, lie mostly in the knowledge of the insured only: the underwriter trusts to his representation, and proceeds upon the confidence that he does not keep back any circumstance in his knowledge, to mislead the underwriter into a belief that the circumstance does not exist, and to induce him to estimate the risk as if it did not exist".*

*Illi rigward dak li huwa materjali għall-finijiet tal-ħruġ tal-polza, apparti li din il-Qorti tħoss li ovvjament l-informazzjoni rikjesta fil-proposal form għandha titqies li hija dejjem materjali, stante l-importanza anke jekk soġġettiva li l-istess assiguratur ikun qed jagħti lill-tali dettal jew domanda, għaliex altrimenti kieku ma jkunx inkludiha fl-istess proposal form, pero' oġġettivament ġie stabbilit li "a fact is material for the purposes of both non-disclosure and misrepresentation if it is one which would influence the judgment of a reasonable or prudent insurer in deciding whether or not to accept the risk or what premium to charge or possibly, whether to impose particular terms in the contracts such as exclusion or an excess" (Birds' Modern Insurance Law – pg. 100 – Law Commission Report No. 104 para.4.48). Ġie affermat ukoll il-prinċipju li l-kwistjoni dwar il-materjalita' hija kwistjoni ta' fatt (Glicksman vs Lancashire and General Assurance Co. Ltd. (1927 A.C. 139).*

*Illi għalhekk abbażi ta' dak fuq espost jirriżulta li t-tieni eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta għandha tiġi milqugħa stante li abbażi tan-nuqqas da parte tal-attur li jagħti lill-assikuratur fatti materjali w importanti direttament rikjesti lilu fil-proposal form huwa ma osservax il-prinċipju ta' uberimae fides li jirregola l-kuntratt ta' assigurazzjoni, u għalhekk tali kuntratt ta' assigurazzjoni għandu u qed jigi dikjarat bħala null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda".*

51. Illi fis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet*:* ***SMS Insurance Agency Limited għan-nom tas-socjeta` estera Ecclesiastical Insurance Office p.l.c. vs Albert Sciberras u martu Carmela Sciberras għal kull interess li jista' jkollha***[8] il-Qorti rrilevat kif ġej:

[7] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' April 2022 – Rik. Numru: 907/96
[8] Deċiża fl-20 ta' Frar 2006- Rik. Numru: 829/2004

*"Dan il-prinċipju ġie spjegat ukoll f'Birds' Modern Insurance Law – pg 101 –102:*

*"the contract of insurance is the primary illustration of a class of contracts described as uberimae fidei that is, of the utmost good faith. As a result, the potential parties to it are bound to volunteer to eachother before the contract is concluded information that is material"…… The basic effect of this duty can be stated quite simply. An applicant for insurance is under a duty to disclose to the insurer, prior to the conclusion of the contract, but only up to this date, all material facts within this knowledge, which the latter does not or is deemed not to know. A failure to disclose, however innocent, entitles the insurer to avoid the contract 'ab initio', and upon avoidance it is deemed never to have existed. The insurer must avoid within a reasonable time of becoming aware of the nondisclosure." (Ara wkoll, Dr. Gerald Montanaro Gauci vs Alex Agius Cesareo et deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-31 ta' Jannar 2002, u Anthony Vassalo vs Alfred S. Azzopardi nomine deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fil-21 ta' April 1999).*

52. Meqjusa tali insenjamenti, il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi, fil-kawża odjerna, l-attriċi, rinfaċċjata b'tali difiża, għamlet enfażi, kemm fl-affidavit tagħha kif ukoll mill-provi prodotti, b'mod partikolari x-xhieda ta' Dr James Pocock mogħtija fid-9 ta' Mejju 2023, illi r-raġel tagħha ma kienx miet b'kawża relatata mal-qalb iżda minħabba emoraġija tad-demm wara intervent li kien sarlu minħabba ġebla fil-marrara.

53. Hawnhekk il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi, irrispettiv mill-kawża tal-mewt tar-raġel tagħha, kif anke imniżżla fiċ-ċertifikat tal-mewt, il-qofol tal-kawża odjerna hija illi dak li l-mejjet Joseph Saliba ddikjara fil-mument meta saret il-*proposal form* f'Settembru 2014 sabiex inħarġet il-polza numru 300-003371 mis-soċjeta' konvenuta.

54. Għandu jingħad li, fil-mument meta niżżel *"No"* għad-domanda numru tlieta (3) u aktar u aktar għad-domanda numru erbgħa (4) li saritlu fis-sezzjoni *"II PERSONAL HISTORY"* tal-*proposal form*, Joseph Saliva għadda informazzjoni skoretta lis-soċjeta' konvenuta, peress illi bil-mod kif kien irrisponda, huwa żamm mistur fatt importanti ħafna, ossija li fis-sena 2009 kien għamel l-intervent tal-*bypass* u dan speċjalment fid-dawl tal-fatt illi l-intervent tal-bypass huwa speċifikament elenkat fid-domanda numru erbgħa (4).

55. Apparti minn hekk, il-Qorti tirrileva li, fix-xhieda tagħha, l-attriċi tipprova tiġġustifika tali "nuqqas" billi ssostni illi t-tieni polza ta' assigurazzjoni, u ċioe' dik illi ġġib in-numru 300-003371 (ossia l-polza mertu tal-kawża), hija attwalment kontinwazzjoni ta' polza illi huma kellhom preċedentement, li ġġib in-numru 310-005393, li kienet saret fis-sena 2006 għall-propjeta oħra illi kienu akkwistaw, fejn targumenta li b'hekk huma kienu qed jestendu l-polza oriġinali. Fix-xhieda tagħha r-rikorrenti tgħid illi:

*"Dr Massimo Vella :*
*Mela ffirmajt id-dokument ... mela intom kellkom numru ta' mistoqsijiet ... dawk li staqsejtek qabel ...*

*Ix-Xhud :*

*Imma fl-ewwel loan.*

*Dr Massimo Vella :*
*Le … le … dak huwa t-tieni document. Dak it-tieni loan sinjura …*

*Ix-Xhud :*
*Imma ma qrawhomx bil-kliem …*

*Dr Massimo Vella :*
*Sinjura … minuta ħa nistaqsik jiena u mbagħad wieġeb … inti kellek mela … per eżempju … il-piż tagħkom minn tahulhom lill-insurance ?*

*Ix-Xhud :*
*X'inhija ?*

*Dr Massimo Vella :*
*Il-piż kemm kont tiżen ?*

*Ix-Xhud :*
*Imma dik fl-ewwel loan hija … fl-ewwel loan …*

*Dr Massimo Vella :*
*Sinjura dan huwa it-tieni loan.*

*Il-Qorti :*
*Sinjura hawn hekk jiena għandi informazzjoni dwar kemm inti twila …*

*Ix-Xhud :*
*Ehe fit-tieni loan dik ?*

*Il-Qorti :*
*Kemm tiżen …*

*Ix-Xhud :*
*Fit-tieni loan ?*

*Il-Qorti :*
*Fit-tieni waħda ija …*

*Ix-Xhud :*
*Imma għaliex … għaliex komplewha ? Lanqas hemm firma li erġajt jiena ġeddittha jiena l-polza …*

*Dr Massimo Vella :*
*Dottore jekk ma ttihiex ir-risposti taf kemm napprezza.*

*Il-Qorti :*
*Sinjura jiena biex nifhem ftit … dawn id-dettalji ta' kemm kontu tiżnu ma tiżnux u kollox …*

*Ix-Xhud :*
*Dik l-istess karta tal-ewwel darba.*

*Il-Qorti :*
*Jiġifieri ara hux nifhmek sew ... jekk naqbad l-ewwel loan ... l-ewwel insurance li ħadtu ... tiftakar meta ħadtu l-ewwel insurance ?*

*Ix-Xhud :*
*Ma niftakarx eżatt eminni ma niftakarx ...*

*Il-Qorti :*
*Jiġifieri jekk insib l-ewwel insurance tiegħek u l-insurance ta' 2014 ħa tgħidli li xorta għadek seventy nine (79) kilos ... għax jiena lanqas xahar ma ndum l-istess piż ?*

*Ix-Xhud :*
*Eżatt ... eżatt ... jiġifieri jiena komplew ... komplew bl-istess dik ta' qabel. Fil-fatt jien lanqas firma m'hemm hemm hekk ... li erġajt ġeddidt l-istess statement għax kieku ffirmajna ... kieku jgħidli per eżempju ħa nġedduha ... intom għadkom l-istess ? Kien jgħidli iffirma li inti qed terġa' tgħid l-istess ... jien ma ffirmajtx.*

(fol 141 et seq- 142).

56. Il-Qorti tirrileva illi huwa inverosimili dak li qiegħda targumenta l-attriċi u dan minħabba diversi raġunijiet.

57. Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-polza maħruġa fis-sena 2006 għandha numru differenti minn dik maħruġa fis-sena 2014 u dan joħroġ ċar mix-xhieda ta' Edward Micallef u mid-dokumenti eżebiti minnu a fol 157-166 tal-proċess.

58. In oltre, l-polza maħruġa fl-2006 kienet maħruġa f'isem ir-raġel tar-rikorrenti Joseph Saliba u l-informazzjoni mogħtija minnu fil-*proposal form* tat-22 ta' Mejju 2006 relatata mat-tul u mal-piż tiegħu huma totalment differenti mill-informazzjoni mogħtija minnu fil-*proposal form* tas-16 ta' Settembru 2014[9].

59. Finalment, indikazzjoni ċara illi ż-żewġ poloz ma kellhom ebda konnessjoni ma' xulxin u, għalhekk ma kinux kontinwazzjoni ta' xulxin, huwa l-fatt li, a fol 161 et seq tal-proċess, fid-dokumentazzjoni relatata mal-polza l-ġdida, illi hija llum meritu tal-kawża odjerna, hemm imniżżel:

*"Accepted ... but activation is subject to the cancellation of plan 310.005393".*

60. Illi kif xehed Edward Micallef stess*:*

*"Dr Massimo Vella :*
*Tgħidilna ftit id- data ta' l- ewwel polza u kellhiex xi numru ta' referenza ?*

[9] Fil-proposal form tat-22 ta' Mejju 2006 kien ġie ddikjarat illi twil 168cm u jiżen 70 kilos filwaqt illi fil-propsal form tas-16 ta' Settembru 2009 kien it-tul imniżżel kien ta' 170cm u l-piż kien ta' 73 kilos.

*Ix-Xhud :*
*Yes l- ewwel polza id- data tagħha kienet Mejju ta' 2006 u n- numru kien 310 005 393.*

*Il-Qorti :*
*U x'tip ta' polza kienet ?*

*Ix-Xhud :*
*Kienet emm ... loan protector plan ...*

*Dr Massimo Vella :*
*Li jfisser ?*

*Ix-Xhud :*
*Tfisser tkun qed tittieħed ma' loan emm ... biex isservi bħala collateral ... bħala security għal self li l- applikanti ... l- applikant ikollu mal ... mal- bank f' dal- każ.*

*Dr Massimo Vella :*
*Issa inti semmejt li dik il- polza ingħalqet. Meta inghalqet jekk joghgbok ?*

*Ix-Xhud :*
*Il- polza ingħalqet ... meta infetħet il- polza l- ġdida.*

*Dr Massimo Vella :*
*Mela l- polza l- ġdida ... id- data tal- polza l- ġdida u jekk għandna numru ta' referenza.*

*Ix-Xhud :*
*Id- data tal- polza l- ġdida kien Settembru ta' 2014 u n- numru huwa 300 003 371.*

*Dr Massimo Vella :*
*Iġifieri bin- numru ta' referenza differenti jekk qed nifhem sew.*

*Ix- Xhud :*
*Kompletament".*

(fol 150-151 et seq).

61. Għaldaqstant, il-Qorti, ikkunsidrati dawn il-fatti kollha w il-konsiderazzjonijet kollha kif fuq magħmula, tqis illi l-azzjoni promossa mill-attriċi u t-talbiet tal-attriċi ma jistgħux jiġu akkolti.

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet ix-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta għar-raġuni spjegata aktar 'il fuq.

**Tilqa'** l-kumplament tal-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta.

**Tiċħad** it-talbiet kollha tal-attriċi.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a karigu tar-rikorrenti.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**